MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 909/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**RENARD ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Renard Attard bin Michael u Maria Dolores nee' Bartolo, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Frar, 1978 u li joqghod 84, 'Matcam Flats' Flat 4, Triq is-Sibbien, Marsascala, I.D. 123178M.

Gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Mejju 2013 bejn id-9.00am u is-1.00pm ikkommetta serq ta' curkett ghad-detriment ta' sidu, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-

valur liema valur huwa ta’ aktar minn 233 Erwos izda anqas minn 2233 Ewros.

Talli ukoll, fl-istess data u fil-granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok FM3 u nnutat li l-imputat Renard Attard m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-imputat hallas il-valur tar-rifurtiva lil sidha.

Rat l-artikoli 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Renard Attard, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-imputat hallas il-valur tar-rifurtiva lil sidha tillibera lill-istess imputat Renard Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Renard Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------